MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 827/2006

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Francis Bugeja, iben Francis,
imwieled Pieta' fis-27 ta'
jannar, 1987
u
Joseph Bugeja, iben Francis,
imwieled Pieta' fis-7 ta' jannar, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
a. talli fit-18 ta' mejju, 2006 għal ħabta tal-11.30 p.m. f'dawn il-Gżejjer, ikkomettew serq minn ġo vettura (forklifter), liema serq hu kkwalifkat bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, lok u bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin

(Lm100) iżda mhux l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta’ Salvu Meli & Sons Ltd.;
b. fit-18 ta’ mejju, 2006 f’dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtar ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ ottubru, 2006 fejn il-partijiet qablu li l-valur tad-diesel misruq hu nqas minn Lm100.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkuża ta’ serq miġjuba kontra tagħhom bl-eċċezzjoni tal-aggravju tal-valur.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn din l-akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom bl-eċċezzjoni tal-aggravju tal-valur. Rat l-artikoli 261(e)(f)(g), 269(ċ), 270, 271(g) u 281 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputati u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------